**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Antonello Grech)**

**- vs -**

**Francis Attard**

Illum 22 ta' Gunju 2001.

Il-Qorti;

Rat l-akkuza migjuba kontra Francis Attard iben John u Carmela xebba Xerri li joqghod 14, Cimcem Street, Nadur, Ghawdex (Karta ta' l-Identita` Nru 56351 G) akkuzat talli f'Ghawdex b'diversi azzjonijiet maghmulin fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmulin b'rizoluzzjoni wahda, qabel is-27 ta' Frar 1991 u t-28 ta' Marzu 1998 bhala proprjetarju tal-fond 14, Cimcem Street, Nadur, Ghawdex u bhala persuna li fuqha huwa registrat il-meter tal-kurrent elettriku li hemm fl-imsemmi post, b'mezzi qarrieqa u li bihom seta` kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu ta' dan il-kurrent elettriku jew li bihom seta` jwaqqaf jew ibiddel il-kejl jew markar, ikkommetta serq ta' kurrent elettriku ghad-detriment tal-Korporazzjoni EneMalta, liema serq jammonta ghal mija u tletin lira Maltija (Lm130), liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u l-valur. Il-Qorti hija gentilment mitluba li barra l-piena stabbilita tapplika l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tad-19 ta' Mejju 2000 skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz ikun trattat bi procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputat kif registrata fis-seduta tat-22 ta' Gunju 2001;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati;

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 264, 267 u 278 tal-Kap 9;

Tillibera lill-imputat taht il-provvediment ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sitt xhur mil-lum.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur